MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1823/2004

**Ivor Grech**

**Vs**

**Gaetano Romeo**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm1,069.34c (elf u disgha u sittin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu) rapprezentanti kera mill-1 ta’ Mejju, 2004 sat-30 ta’ Settembru, 2004 ghall-fond Pet, Triq fuq il-Gonna, San Giljan mikri mill-attur lill-konvenut u hlasijiet ghall-konsum ta’ dawl u ilma fl-istess fond u kera tal-meters relattivi.

Bl-imghax mit-13 t’Awissu, 2004 u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tat-3 t’Awissu, 2004 u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1930/2004 u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Daphne Dodebier tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------